31974L0346

15.7.1974 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 191/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ġunju 1974

fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-mirja li juru wara ta' tratturi bir-roti ta' l-agrikoltura jew tal-foresterija

(74/346/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 li joħroġ minnu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]);

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]);

Billi l-ħtiġijiet tekniċi li magħhom it-tratturi għandhom jikkonformu mal-liġijiet nazzjonali rigward, *inter alia*, il-mirja li juru wara;

Billi dawn il-ħtiġijiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor; billi għalhekk hemm bżonn li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess rekwiżiti jew bħala żieda ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex b' mod partikolari jippermettu proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 74/150/KEE ([3]) ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istat Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti ta' l-agrikoltura jew tal-foresterija li għandhom jgħoddu għal kull tip ta' trattur,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. "Trattur ta' l-agrikoltura jew tal-foresterija" ifisser kull vettura bir-roti jew b'ċinga ta' l-azzar bil-ħniek u li għandha mill-anqas żewġ fwies, li l-funzjoni ewlenija tagħhom tkun fis-saħħa li jiġbdu u li huma speċifikament iddisinjati biex jiġbdu warajhom, iġorru jew jitqabbdu ma' ċerta għodda, makkinarju jew karrijiet li huma maħsuba għall-użu agrikolu jew għall-foresterija. Jista' jkun mgħammar biex iġorr tagħbija jew pasiġġieri.

2. Din id-Direttiva tgħodd biss għall-tratturi definiti fil-paragrafu ta' qabel li huma mgħammra b'roti pnewmatiċi u li għandhom żewġ fwies u ddisinnjati għal veloċità massima ta' bejn 6 u 25 km/h.

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' trattur fuq bażi ta' mirja li juru wara jekk dawn huma skond il-ħtiġijiet preskritti fl-Anness.

([1]) ĠU Ċ 28, 17.2.1967, p. 462/67.
([2]) ĠU Ċ 42, 7.3.1967, p. 620/67.
([3]) ĠU L 84, 28.3.1974, p. 10.

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' tratturi fuq bażi ta' mirja li juru wara jekk dawn huma skond il-ħtiġijiet preskritti fl-Anness.

Artikolu 4

L-emendi li hemm bżonn isiru għall-adattament tal-progress tekniku għar-rekwiżiti ta' l-Anness għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 74/150/KEE.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom javżaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva huma kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Ġunju 1974.

F'isem il-Kunsill

Il-President

H. D. GENSCHER

ANNESS

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. "Mera li turi wara" tfisser kull apparat li hu maħsub biex jagħti, fil-medda tal-viżjoni li hija ġeometrikament definita fil-punt 2.5 hawn taħt, vista ċara ta' wara li, f'limiti raġonevoli, mhiex ostakolata b'xi partijiet ta' komponenti tat-trattur jew mill-okkupanti tat-trattur innifsu.

1.2. "Mera ta' ġewwa li turi wara" tfisser apparat kif definit fil-punt 1.1 li qiegħda mwaħħla ġewwa l-kabina jew il-qafas ta' trattur.

1.3. "Mera fuq barra li turi wara" tfisser apparat kif definit fil-punt 1.1 li qiegħda mwaħħla fuq kull parti mill-wiċċ ta' barra ta' trattur.

1.4. "Klassi ta' mirja li juru wara" ifissru l-mirja kollha li juru wara li għandhom waħda jew iżjed karatteristika jew funzjoni komuni. Mirja ta' ġewwa li juru wara jaqgħu taħt klassi I, mirja ta' barra li juru wara taħt klassi II.

2. ĦTIĠIJIET GĦAT-TWAĦĦIL

2.1. **Ġenerali**

2.1.1. Tratturi jistgħu jitwaħħlu b'mirja li juru wara tal-klassijiet I u II biss li jkollhom il-marka ta' l-aprovazzjoni tat-tip tal-KEE msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill Nru 71/127/KEE ([1]) ta' l-1 ta' Marzu 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-mirja li juru wara tal-vetturi, kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ([2]).

2.1.2. Mirja li juru wara għandhom jitwaħħlu b'tali mod li jibqgħu sodi taħt kondizzjonijiet normali tas-sewqan.

2.2. **In-numru**

Kull trattur għandu jkun mgħammar b'mill-anqas mera ta' barra waħda li turi wara mwaħħla man-naħa tax-xellug tat-trattur fl-Istati Membri li fihom il-karozzi jsuqu fuq il-lemin u man-naħa tal-lemin tat-trattur fl-Istati Membri li fihom il-karozzi jsuqu fuq ix-xellug.

2.3. **Il-pożizzjoni**

2.3.1. Il-mera ta' barra li turi wara għandha titwahhal b'mod li x-xufier, meta jkun qiegħed bil-qiegħda fis-sedil tax-xufier f'pożizzjoni normali tas-sewqan, ikollu vista ċara ta' dik il-parti tat-triq definita fil-punt 2.5.

2.3.2. Il-mera ta' barra li turu wara trid tkun tidher mill-parti tal-windscreen li tintmesaħ mill-*wiper* tal-*windscreen* jew mit-twieqi tal-ġenb jekk il-trattur għandu mera ta' barra.

2.3.3. Il-mera li turi wara ma tridx toħroġ 'il barra mill-parti ewlenija tat-trattur jew il-kombinazzjoni tat-trattur u l-karru ħafna aktar milli hemm bżonn biex tilħaq l-meded ta' viżjoni msemmija fil-punt 2.5.

2.3.4. Fejn t-tarf t'isfel tal-mera ta' barra li turi wara huwa anqas minn 2 m 'il fuq mill-art meta t-trattur huwa mgħobbi, din il-mera li turi wara ma tridx tipproġetta aktar minn 0.20 m barra l-wisa' kollu tat-trattur jew il-kombinazzjoni tat-trattur u l-karru imkejla mingħajr il-mirja li juru wara.

2.3.5. Suġġetta għall-ħtiġijiet tal-partiti 2.3.3 u 2.3.4, mirja li juru wara jistgħu jipproġettaw barra 'l-wisa' massimu permess tat-trattur.

2.4. **Aġġustament**

2.4.1. Kull mera ta' ġewwa li turi wara għandha tkun tista' tiġi aġġustata mix-xufier mill-pożizzjoni tiegħu tas-sewqan.

2.4.2. Ix-xufier għandu jkun jista' jaġġusta l-mera ta' barra li turi wara minn ġewwa l-trattur. Il-mera tista', iżda, tissakkar fil-pożizzjoni minn barra.

([1]) ĠU L 68, tat-22.3.1971, p. 1
([2]) ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.

2.4.3. Il-ħtiġijiet tal-partiti 2.4.2 ma japplikawx għall-mirja ta' barra li juru wara li, wara li jkunu mċaqilqa, jmorru lura lejn il-pożizzjoni oriġinali tagħhom awtomatikament jew jistgħu jitqiegħdu lura għall-pożizzjoni oriġinali tagħhom mingħajr l-użu ta' għodda.

2.5. **Meded ta' viżjoni**

2.5.1. *Stati Membri li fihom il-karozzi jsuqu fuq il-lemin*

Il-medda ta' viżjoni tal-mera ta' barra li turi wara tax-xellug għandha tkun tali li x-xufier jista' jara fuq wara għall-anqas dik il-parti livell tat-triq, 'il bogħod sal-orizzont, li hija fuq ix-xellug tal-pjan parallell mal-pjan longitudinali medjan vertikali u li tgħaddi mill-aktar punt fuq ix-xellug tal-wisa' kollu tat-trattur jew il-kombinazzjoni tat-trattur u l-karru.

2.5.2. *Stati Membri li fihom il-karozzi jsuqu fuq ix-xellug*

Il-medda ta' viżjoni tal-mera ta' barra li turi wara tal-lemin għandha tkun tali li x-xufier jista' jara fuq wara għall-inqas dik il-parti livell tat-triq,'il bogħod sa l-orizzont, li hija fuq il-lemin tal-pjan parallell mal-pjan longitudinali medjan vertikali u li tgħaddi mill-aktar punt fuq il-lemin tal-wisa' kollu tat-trattur jew il-kombinazzjoni tat-trattur u l-karru.